# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 21/2002 PC**

**Anton Hili; Michael sive Lino Hili;**
**Mary mart Edward Grech;**
**Raymond u Mario aħwa Caruana u b'digriet**
**tat-8 ta' Jannar 2008 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem**
**Raymond Caruana u Mario Caruana biss, stante**
**Li huma akkwistaw b'kuntratt tat-30 ta' Marzu 2004**
**mingħand l-atturi s-sehem indiviż**

**vs**

**Anthony u Noemi konjuġi Zammit u b'digriet tal-**
**4 ta' Mejju 2011 ġew kjamati fil-kawża,**
**Joseph Grech u Michelina Aquilina**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond numru tmienja u disgħin (98), Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex li jmiss mit-tramuntana mal-fond numru tnejn u disgħin (92) ta' Triq Putirjal, Għawdex, appartenenti lill-konvenuti;

Illi reċentement il-konvenuti bdew xogħol ta' demolizjoni u rikostruzjoni tal-fond tagħhom;

Illi fil-kors ta' dawn ix-xogħolijiet il-konvenuti għamlu xogħol ta' taħmil u skavazzjoni anki fil-parti li tiġi mmedjatament mal-proprjeta' ta' l-

atturib'mod illi ġiet ipperikolata l-istabbilita' ta' l-istess u mingħajr ma nżammu ebda distanzi minkejja dak stabbiliti bil-liġi;

Illi sabiex iħarsu l-jeddijiet tagħhom l-atturi ħtiġilhom anke jipproċedu b'mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet "Anton Hili et vs. Anthony Zammit" numru 105/2000;

Illi fil-kors ta' dan il-mandat il-partijiet waslu fi ftehim bejniethom dwar kif kellhom jirregolaw l-iżvilupp, kopja annessa Dok. A;

Illi fost ħwejjeġ oħra ġie miftiehem illi m'għandu jsir ebda tip ta' skavar ħlief għal platform tal-kolonna murija fil-pjanta annessa". Ġie miftiehem ukoll li l-ewwel li kellu jsir kienet l-art tal-konkos li kellha ssir fil-livell tat-triq adjaċenti;

Illi l-konvenuti minflok ma żammew u osservaw it-termini ta' dak il-ftehim pproċedew b'xogħolijiet ta' skavazjoni u fformaw ambjenti taħt il-livell fejn kellha ssir l-art liema taħmil sar rażenti l-faċċata tal-ħajt;

Illi dawn ix-xogħolijiet kollha saru bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u bi ksur tal-liġi billi l-konvenuti naqsu li jżommu distanza adegwata mill-fond ta' l-atturi sabiex tiġi assikurata l-inkolumita' ta' l-istess u anki billi fix-xogħol imsemmi naqsu li jassikuraw rwieħom li jħarsu u jipproteġu l-bini ta' l-atturi.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi bix-xogħolijiet imsemmija l-konvenuti lledew il-jeddijiet ta' l-atturi għaliex dawn saru sew bi ksur tal-liġi ċivili u kif ukoll tal-ftehim fuq imsemmi;

2. Konsegwentement anki ad opera ta' perit nominat għal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti tordna lill-konvenuti jagħmlu dawk ix-xogħolijiet li din l-Onorabbli Qorti tiddetermina sabiex jiġu mħarsa l-pattijiet tal-ftehim fuq imsemmi u d-dispozizzjonijiet tal-Liġi u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-Qorti;

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti jagħmlu huma l-istess xogħolijiet a spejjes tal-konventui.

Bl-ispejjes inklużi dawk tal-mandati ta' inibizzjoni fl-ismijiet "Anton Hili et vs. Anthony Zammit" nuru 3/2002 u 105/2000.

Bir-riserva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi.

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament maħlufa minn Anton Hili.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenuti ma għamlu l-ebda xogħol ta' skavar fil-fond tagħhom oltre' dak indikat fil-ftehim li sar ma' l-atturi, wara d-data ta' l-iffirmar ta' l-istess ftehim;

2. Illi l-istess konvenuti mxew mal-ftehim li laħqu ma' l-atturi u li kopja tiegħu hija annessa maċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-atturi bħala Dokument 'A';

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Anthony Zammit.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ottubru 2003 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandati ta' Inibizzjoni numri: 105/2000 u 3/2002 fl-istess ismijiet.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Jannar 2008 fejn innominat lill-A.I.C. Valerio Schembri bħala perit tekniku sabiex *"jikkonstata jekk gewx ikkagunati hsarat bix-xogholijiet maghmula mill-konvenuti, u jekk jezistu, x'riparazzjonijiet huma mehtiega."*

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju 2011 fejn, fuq talba tal-konvenuti, ordnat il-kjamata fil-kawża ta' Joseph Grech u Michelina Aquilina.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-kjamata fil-kawża Michelina Aquilina li eċċepiet:

1. Illi fl-ewwel lok mhijiex il-leġittimu kontradittur billi hi mhix is-sid tal-ħanut 'Aquilina Statues', 10, Pjazza San Franġisk, Rabat, Għawdex, u għaldaqstant għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra min talab il-kjamata tagħha fil-kawża;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni hemm l-ostaklu tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi fil-mertu u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, ma saru ebda xogħolijiet mill-eċċipjenti li bihom saret jew taw lok għal xi ħsara li minnha qegħdin jilmentaw l-atturi;

4. Illi huma l-konvenuti li għamlu xogħolijiet strutturali estensivi fil-fond tagħhom li wasslu biex żviluppat il-ħsara fil-fond tal-atturi;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess kjamata fil-kawża maħlufa minnha.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kjamat fil-kawża Joseph Grech li eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament t-talbiet attriċi hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu huma preskritti u dan a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għal premess u fil-mertu, l-esponenti ma huwa responsabbli għal ebda ħsara allegatament subita mill-atturi u kwalunkwe xogħol li sar minnu sar bl-akbar diliġenza u skont l-arti u s-sengħa in linea mal-permessi lilu approvati;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppresentata fil-21 ta' April 2014 u maħlufa fis-16 ta' April 2014.

Rat id-domandi in eskussjoni li saru mill-kontendenti lill-perit tekniku.

Rat ir-risposti tal-perit tekniku għal dawn id-domandi, debitament maħlufa fil-21 ta' April 2015.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti..

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jiġu ordnati jagħmlu fil-fond tagħhom dawk ir-riparazzjonijiet li jirriżultaw meħtieġa wara li l-konvenuti wettqu xogħolijiet li l-atturi jikkontendu li jiksru l-provvedimenti tal-liġi dwar id-distanza li għandha tinżamm meta jsir xi tħaffir fil-fond adjaċenti, u għax allegatament ma osservawx il-pattijiet miftehma fuq skrittura li saret bejniethom fl-1 ta' Novembru 2001.[1]

Il-konvenuti jiċħdu l-allegazzjonijiet tal-atturi. Fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża talbu li jiġu kjamati fil-kawża il-proprjetarji ta' żewġ fondi oħra li jmissu wkoll ma' dak tal-atturi u li fihom ukoll kienu saru xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni, xi żmien qabel dawk imwettqa minnhom.[2] Il-Qorti laqgħet din it-talba u Michelina Aquilina u Joseph Grech ġew kjamati fil-kawża, anke għaliex il-perit tekniku kien talab li jkun awtorizzat jaċċedi fil-fondi rispettivi tal-persuni ndikati, biex jara x-xogħolijiet kienu saru fihom,[3] u għax dan ma setax isir kemm il-darba dawn il-persuni jirrifjutaw l-aċċess, sakemm ma jkunux parti fil-kawża wkoll.

Huwa opportun li tiġi ttrattata minufih il-kwistjoni jekk dawn il-persuni bħala kjamati fil-kawża jistgħux, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jiġu kkundannati jagħmlu xi riparazzjonijiet bħal dawk li l-atturi qed jitolbu fil-konfront tal-konvenuti. Apparti l-fatt li ma saret ebda talba mill-atturi biex xi ħadd minnhom jiġi kkundannat jagħmel hekk, u kif korrettement indikat fin-Noti tal-Osservazzjonijiet tagħhom kwalunkwe kundanna fir-rigward tagħhom tkun *ultra petita*, hemm ostakolu ieħor bil-preskrizzjoni ta' azzjoni għad-danni b'għeluq is-sentejn minn meta l-ħsarat b'*culpa aquiliana* ikunu ġew kkaġunati, a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16. Fil-każ in eżami, huwa ammess li x-xogħolijiet li għamlu l-kjamati fil-kawża saru qabel dawk tal-konvenuti, li saru fis-snin 2001/2002, u ma jirriżultax li din il-preskrizzjoni qatt ġiet interrotta qabel ma' ġew imdaħħla fil-kawża. Fir-rigward ta' Michelina Aquilina hemm ukoll ostakolu ieħor għax, kif qalet fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha, rriżulta li l-fond fejn saru x-xogħolijiet imsemmija kien parafernali ta' żewġha, provenjenti lilu minn diviżjoni in segwitu għal sentenza ta' din il-Qorti.[4]

Niġu issa għalhekk sabiex naraw sa fejn il-konvenuti jistgħu jiġu kkundannati jagħmlu dak li qed jitolbu minn għandhom l-atturi. Irriżulta li għall-ħabta tas-sena 2011 il-konvenuti riedu jiddemolixxu l-fond qadim tagħhom fi Triq Putirjal, Victoria, biex itellgħu bini ieħor fuq pjanta

[1] Ara Dok. A esebita maċ-ċitazzjoni a fol. 6 – 7 tal-proċess u deskrizzjoni tax-xogħolijet proposti tal-AIC Joseph Dimech, annessa mal-istess ftehim a fol. 8
[2] Ara rikors tal-konvenuti tat-22 ta' Marzu 2011 a fol. 241
[3] Ara rikors tal-perit tekniku tal-1 ta' Diċembru 2010 a fol. 233 - 235
[4] Ara kopja tal-kuntratt relattiv, esebit man-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħha tat-23 ta' Settembru 2016

redatta mill-A.I.C Joseph Dimech.[5] Malli dawn bdew ix-xogħolijiet l-atturi, li għandhom il-fond tagħhom fi Pjazza San Frangisk jiċċirkonda minn tliet naħat dak tal-konvenuti,[6] ntavolaw żewġ rikorsi quddiem din il-Qorti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti għax beżgħu li x-xogħolijiet ippjanati setgħu jikkawżawlhom id-danni.[7] Fil-mori tas-smiegħ tal-ewwel mandat intlaħaq ftehim bejn l-atturi u l-konvenuti biex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu ikomplu bix-xogħolijiet tagħhom.[8] Fdak il-ftehim li jagħmel referenza għal deskrizzjoni tax-xogħolijiet proposti mogħtija mill-perit Dimech, il-konvenuti ntrabtu li "*m'ghandu jsir ebda tip ta' skavar, hlief ghall-platform tal-kolonna murija fil-pjanta annessa.*"[9]

Wara li sema' x-xhieda prodotti u żamm diversi aċċessi fuq il-fondi rispettivi, il-perit tekniku seta' jasal għas-segwenti konklużjonijiet:

*"01 Dwar il-lanjanza tal-atturi fir-rigward tal-ksur tal-ftehim a fol 6 sa 8 tal-process jidher illi din tinkwadra principalment fir-rigward ta' l-eskavazzjoni li alegatament saret wara d-data tal-01 ta' Novembru 2001 u cioe' d-data ta' l-istess ftehim. Illi mid-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-04 ta' Frar 2002 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 3/02 jirrizulta car u manifest illi l-AIC Joseph P. Dimech kien iddepona li sar skavar jew tahmil izjed milli previst fl-istess ftehim. M'hemmx dubju ghaldaqstant illi xi forma ta' skavar wara d-data tal-ftehim a fol 6 sa 8 tal-process kienet saret. Kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti qed jaqblu illi tqattiegh ta' blat ma kienx hemm pero kien hemm thammil ta' materjal liema materjal aktarx kien dak ta' bejn il-pedamenti gia ezistenti. Hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi l-kelma "skavar" hekk kif tintuza fl-istess ftehim bejn il-partijiet, tirreferi ghal dak li teknikament bil-lingwa Ingliza jifforma parti mix-xogholijiet kkunsidrati bhala "earthworks". Tali xogholijiet normalment jigu maqsuma fi klassijiet ohra bhal nghidu ahna "topsoil excavation" (tnehhija ta' hamrija jew materjal tal-wicc jew tahmil), "rock excavation" (tqattiegh ta' blat) fost ohrajn. Il-ftehim a fol 6 sa 8 tal-process ma jaghmilx distinzjoni bejn dawn il-klassifici u jinkorporahom taht umbrella wahda "skavar" jew inkella bil-lingwa Ingliza "excavation". Taht l-istess umbrella jidher li jaqghu il-klassifijiet kollha ta' xoghol ta' "excavation" huma x'inhuma u ghaldaqstant jsegwi li x-xoghol ta' tahmil li sar mill-konvenut wara d-data tal-01 ta' Novembu 2001 kien xoghol ta' skavar u kontra dak li ftehmu l-partijiet fl-iskrittura a fol 6 sa 8 tal-process.*
*02 Dwar il-lanjanza illi bix-xoghol li ghamel il-konvenut huwa kiser il-Ligi ai termini tal-artikolu 439 tal-Kap.16 (hekk kif spjegat fin-nota attrici) jinghad illi jirrizulta lill-esponent illi sar meta sar, se mai sar tahmil sal-pedamenti fil-parti indikata "not to be excavated" fuq Dok JP3 a fol 67 tal-process. Dan il-fattur jallegawh l-atturi u kemm fix-xhieda tieghu u anke in situ jikkonfermah il-*

[5] Ara kopja tagħha esebita bħala Dok. JP 3 a fol. 67
[6] Ara pjanta Dok. RC a fol. 21
[7] Ara atti tal-Mandati ta' Inibizzjoni Nri. 105/2000 u 3/2002 allegati ma' din il-kawża
[8] Ara Dok. A anness maċ-ċitazzjoni a fol. 6 - 7
[9] Ara l-istess skrittura tal-1 ta' Novembu 2001 u dikjarazzjoni tal-perit Dimech a fol. 6 - 8

*konvenut Zammit. F'din il-konkluzjoni l-esponent ma jarax relevanza dwar il-kwistjoni meta sar tali xoghol, il-fatt jibqa illi tali tahmil fil-veru sar u dan hemm qbil fuqu anke bejn il-partijiet. Isegwi li parti mill-istess thammil sar vicin u f'inqas mid-distanza ta' sitta u sebghin centimetru l-boghod mill-hajt illi l-esponent qed jimmarka bl-ittri AA fuq l-istess Dok JP3. Tali hajt AA huwa divizorju bejn il-fond tal-atturi u tal-konvenuti u ghaldaqstant isegwi illi l-konvenut Zammit ma mexiex mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 439 tal-Kap.16.*

*03 Dwar il-hsarat osservati fil-fond ta' l-atturi*[10] *l-esponent jaghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet tieghu minn paragrafu wiehed (1) sa paragafu hamsa u ghoxrin (25) tal-konsiderazzjonijiet tieghu supra.*[11] *Jikkonferma in oltre illi bir-rispett ma jaqbilx kif spjegat fis-suespost mat-tezi tal-Perit Emanuel Vella ghall-atturi dwar kif graw il-hsarat fil-fond ta'l-istess atturi. In oltre s-sottofirmat jirrileva illi x-xoghol ta' tahmil li sar mill-konvenut Zammit vicin il-hajt FF fuq Dok.VS 151101*[12] *(AA fuq JP 3) aktarx ikkaguna l-hsarat li hemm fit-tromba tat-tarag eskluz is-sadid fit-travi tas-saqaf. Jinghad ukoll illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-bennej ta' Zammit li kien iccaqlaq kantun fis-salott J fuq RC011101*[13] *meta ddahhal travu jsegwi li din il-hsara saret waqt ix-xoghol li kien qed jaghmel il-konvenut Zammit. Hekk kif jidhol fid-dettal fil-konsiderazzonijiet tieghu supra l-esponent jikkonferma illi fl-umili opinjoni tieghu il-hsarat l-ohrajn riskontrati fil-fond tal-atturi ma jistax jattribwihom lill-operat tal-konvenut.*

*04 …Fl-eccezzjoni tieghu il-konvenut jghid li mexa ma l-istess ftehim pero fil-provi tieghu jirreferi biss ghall-kwistjoni li hu ma ghamilx skavar wara li gie ffirmat il-ftehim…Dwar it-tiswija tal-hsarat ikkagunati minnu u kif se jirrangahom il-konvenut ma jghid xejn. Ghall-grazzja ta' l-argument se mai fuq l-ammissjoni tal-bennej tieghu li ccaqlaq xi kantun fis-salott meta ddahhal travu wiehed kien jistenna li l-konvenut jipproponi li jsewwi l-hsara. Mill-assjem tal-provi u d-dokumenti li kellu quddiemu l-esponent u dan anke wara li jaghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet tieghu supra,*[14] *il-Perit Tekniku jasal biex jikkonkludi li l-hsarat fil-hitan u t-tarag tat-tromba u dawk a kawza tac-caqliq ta' kantun fis-salott ghandhom jigu rimedjati mill-konvenut a spejjez tieghu. Dawn ix-xogholijiet ghandhom isiru fil-modalita li spjega l-esponent fil-konsiderazzjonijiet tieghu supra.*[15] *Finalment il-Perit Tekniku jhoss li tali xoghol ma ghandux jiehu aktar minn xahar biex jigi esegwit. Fin-nuqqas li l-konvenut ma jottemporax ruhu ma jkun hemm l-ebda diffikolta' teknika li dan isir mill-atturi a spejjez ta' l-istess konvenut."* [16]

L-atturi qablu parzjalment ma' dawn il-konklużjonijiet peritali, u dan safejn il-konvenuti nstabu responsabbli għal xi ħsarat ikkaġunati fil-fond

[10] Ara verbal tal-aċċess tad-19.04.2008 a fol. 418 - 420
[11] Ara dawn il-konsiderazzjonijiet a fol. 328 - 349 tal-proċess
[12] A fol. 440 tal-proċess
[13] A fol. 432
[14] Ara paragrafi 22 – 25 tal-konsiderazzjonijet tal-perit tekniku a fol. 345 - 346 tal-proċess
[15] Ara paragrafi 05 – 07 tal-istess konsiderazzjonijiet a fol. 347
[16] Ara dawn il-konkluzjonijiet a fol. 349 - 352

tagħhom minħabba x-xogħolijiet esegwiti minnhom. Ma jaqblux pero' li ma nżammux responsabbli wkoll tal-ħsarat l-oħra li ndikaw lill-perit tekniku. Imma din il-Qorti tikkondividi dak li rreferew għalih il-konvenuti fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom tat-2 ta' Settembru 2016 fis-sens illi jinsab stabilit fil-ġurisprudenza li: "…*Issa huwa pacifiku f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta' lilha koncessa b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali.*"[17] Minkejja l-poteri li għandha l-Qorti biex ma toqgħodx fuq il-konklużjonijiet tal-perit tekniku bl-artikolu 681 tal-Kap. 12, "*dan pero' ma tistax tagħmlu b'mod legger u kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja in ezami.*"[18] Fil-każ in eżami, l-perit tekniku kien eżawrjenti biżżejjed fir-raġunijiet li ta għaliex ma kienx qed jaqbel mat-teżi tal-perit tal-atturi dwar uħud mill-ħsarat lamentati minnhom.[19] Għalhekk, filwaqt li tagħmilhom tagħha *in toto,* ma ssib ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed minnhom.

Minn naħa l-oħra l-kritika ewlenija tal-konvenuti għall-istess rapport peritali kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 439 tal-Kap. 16. illi jistipula li:

"Ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel <u>tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun</u>, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju."

Huma jsostnu, u fil-fatt jirriżulta li ma għamlu ebda skavazzjoni fil-fond tagħhom konsistenti fi tqattiegħ ta' blat, u għalhekk onoraw dak li kien stipulat fil-ftehim tal-1 ta' Novembru 2001. Kien hemm biss tneħħija ta' terrapien minn madwar il-pedamenti tal-ħajt komuni mal-atturi, sabiex isir il-*platform* imsemmi fir-rapport tal-perit Dimech anness mal-istess ftehim, liema xogħolijiet kienu permessi a tenur ta' dak il-ftehim.[20] Fil-waqt li din il-Qorti taqbel mal-perit tekniku li l-kelma "tħaffir" fl-artikolu tal-liġi hawn ċitat tinkludi tħammil bħal dan, u mhux biss tqattiegħ ta' blat, fi kwalunkwe każ, permezz tal-ftehim imsemmi, l-konvenuti ntrabtu li jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li setgħu jikkaġunaw fil-bini tal-atturi bix-xogħolijiet tagħhom, anke jekk awtorizzati b'dan il-ftehim, billi ntrabtu li:

[17] P.A. Globe Financial Investments Limited vs Micallef Mark: 31.05.2016; ara wkoll App. Civ. Giswalda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et : 23.06.1967
[18] App. Ċiv. Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine: 29.05.1998
[19] Ara konsiderazzjonijiet tiegħu fil-paragrafi 11 sa 21 a fol. 341 – 344 tal-proċess, u risposti in eskussjoni għad-domandi tal-atturi a fol. 513- 516
[20] Ara tieni paragrafu tar-rapport tal-perit Dimech tat-08.10.2001

"*It-tieni parti* (u ċioe' l-konjuġi Zammit) *tkun responsabbli hħal kwalunkwe hsara li gia' giet jew li tista' tigi fil-futur ikkagunata lill-proprjeta' ta' l-Ewwel Parti* (u ċioe' l-atturi) *konsegwenza ta' dawn ix-xogholijiet…*"[21]

Għalhekk, ġialadaba rriżultaw il-konsenturi deskritti mill-perit tekniku fil-ħajt immarkat FF fuq il-pjanta VS 151101 (a fol. 440) aktarx kawża ta' dan it-tħammil, kif jispjega l-perit tekniku, (u hawnhekk il-prova bbażata fuq il-bilanċ ta' probabilita' hija biżżejjed), il-konvenuti huma obbligati sew bil-liġi kif ukoll bil-ftehim redatt fl-1 ta' Novembru 2001 li jagħmlu tajjeb għad-danni hekk ikkaġunati. Il-fatt li fil-fehma tal-perit tekniku il-*platform* magħmul mill-konvenuti saħħaħ u ssoda l-pedamenti tal-ħajt komuni, għandu jserraħ moħħ l-atturi li wara dan ir-rinforz, tnaqqset sew il-possibilita' ta' iżjed ċaqliq f'dan il-ħajt diviżorju. Fuq il-kantun li ċaqlaq waqt li l-ħaddiema tal-konvenuti kienu qegħdin jaqalgħu travu minn mal-ħajt diviżorju, m'hemmx wisq x'wieħed jgħid, billi dan ġie ammess mill-istess ħaddiema, u għalhekk iridu jsiru r-riparazzjonijiet meħtieġa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamata fil-kawża Michelina Aquilina u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża Joseph Grech u tiddikjara l-azzjoni fil-konfront tiegħu preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16;

3. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li bix-xogħolijiet indikati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu, il-konvenuti lledew il-jeddijiet tal-atturi għaliex dawn saru sew bi ksur tal-Liġi Ċivili, kif ukoll tal-fethim tal-1 ta' Novembru 2001;

4. Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex żmien xahrejn jagħmlu a spejjeż tagħhom dawk ix-xogħolijiet indikati mill-perit tekniku fil-paragrafi 05 sa 07 tal-konsiderazzjonijiet tiegħu a fol. 347 tal-proċess, u dan taħt id-direzzjoni tal-perit Valerio Schembri li qed jerġa' jiġi nominat għal dan il-fini;

5. Fin-nuqqas li l-konvenuti jagħmlu dawn ix-xogħolijiet fiż-żmien konċess, l-atturi huma awtorizzati jagħmlu huma l-istess xogħolijet a spejjeż tal-konvenuti.

L-ispejjeż l-oħra, inklużi dawk tal-kjamati fil-kawża, u tal-mandati ta' inibizzjoni numri 3/2002 u 105/2001 fl-istess ismijiet, għandhom jiġu

[21] Ara tielet paragafu a fol. 7 tal-proċess

ssoportati ugwalment bejn l-atturi u l-konvenuti, tenut kont li l-atturi kienu qed jippretendu li l-konvenuti kienu responsabbli wkoll għal ħsarat li ma ġewx ikkaġunati minnhom.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

26.10.2016 – Sup21.2002 – Hili Anton et vs Zammit Anthony et
2949